MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 44/2006

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Bruno u Susan mizzewgin Tucci

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li bih eccepixxa:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 17 ta' Settembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech (Dok "A" u "B"), is-socjeta` attrici kienet ikkoncediet facilitajiet ta' Loan u Overdraft lis-socjeta` MBT Services Limited.

Illi s-socjeta` MBT Services Limited permezz ta' sentenza fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs M.B.T. Services Limited fit-18 ta' Mejju 2001, (Citazz. 125/99G1 (PC) – Magistrat Dottor Paul

Coppini) kienet giet ikkundannata sabiex thallas is-somma ta’ erbghin elf, tliet mija u sitta u sittin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm40,366.65) bilanc ghad-debitu fl-Overdraft Account, flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mit-30 ta’ Marzu 1999.

Illi llum id-debitu tas-socjeta` MBT Services Limited mas-socjeta` attrici kien jammonta ghas-somma ta’ tletin elf, mitejn u tmienja u sebghin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm30,278.45) (Dok “A”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Novembru, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi in forza ta’ skrittura privata datata 17 ta’ Settembru 1997 (Dok “C”) il-konvenuti Bruno u Susan mizzewgin Tucci kienu ggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta` MBT Services Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tas-socjeta` MBT Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Ottubru, 2005 li kopja taghha giet esebita mac-citazzjoni u mmarkata Dok “E”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn kienu baqghu inadempjenti.

Il-bank attur talab lill-Qorti:

Tikkundanna lill-istess konvenuti Bruno u Susan mizzewgin Tucci ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tletin elf, mitejn u tmienja u sebghin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm30,278.45) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta` MBT Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Novembru, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Ottubru, 2005 mibghuta lill-konvenuti, kif ukoll tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Inibizzjoni prezentati kontestwalment

mac-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Siegfrid Borg Coleipprezenta nota ta’ ammissjoni ghan-nom tal-konvenuti.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni, peress li t-talba tal-bank attur tidher gustifikata, il-Qorti qed tilqaghha u qed tikkundanna lill-istess konvenuti Bruno u Susan mizzewgin Tucci ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tletin elf, mitejn u tmienja u sebghin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm30,278.45) bilanc ghad-debitu fl-“Overdraft Account” tas-socjeta` MBT Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Novembru, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Ottubru, 2005 mibghuta lill-konvenuti, kif ukoll tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Inibizzjoni kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------